MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 868/2004

**Joseph u Carmen konjugi Micallef**

**vs**

**Michael u Shirley konjugi Cogzell**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00) u fejn intqal:**
**Illi l-atturi huma propjetarji tal-fond 23, Mirage, Triq Indri Calleja, Birkirkara;**
**Illi l-konvenuti huma l-propjetarji tal-fond sovrastanti l-propjeta' tal-atturi;**
**Illi fil-fond propjeta' tal-atturi qed jigu kkagunati hsarat konsegwenza ta' penetrazzjoni ta' ilma mill-**

**fond tal-konvenuti liema ilma qed jippenetra fis-saqaf tal-fond tal-atturi;**
**Illi dawn il-hsarat jammontaw ghal mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00) hekk kif indikat fl-anness certifikat tal-Perit AIC Carmel Ellul (Dok A) jew somma ohra li tista' tigi hekk likwidata minn dan it-Tribunal;**
**Illi dan ic-certifikat u stima qed isiru minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi hsara ulterjuri li tista' tirrizulta quddiem fis-saqaf, ukoll konsegwenza tal-ilma illi l-istess saqaf ra mill-perkolazzjoni tal-ilma;**
**Illi l-klijenti gew interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghal dawn il-hsarat izda dawn baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-30 ta' April, 2004, fejn gie eccepit:**
**i. in linea preliminari l-kompetenza ta' dan it-Tribunal u dana peress illi l-pretenzjonijiet tal-atturi mhumiex sempliciment "money claim" kif tipprovdi l-Ligi izda l-ewwel trid tigi stabbilita r-responsabbilta o meno tal-eccipjenti, fatt li jezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal;**
**ii. fil-mertu, l-konvenut mhumiex responsabbli ghal ebda hsarat kif qed jigi allegat;**
**iii. minghajr pregudizzju l-ammont mitlub huwa esagerat;**
**iv. salv eccezzjonijiet ohra.**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Micallef, Perit Carmel Ellul, Michael Cogzell, Tony Sammut, Michael Mercieca, Perit Valerio Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kawza qed ssir ghal hsarat kagunati minhabba penetrazzjoni ta ilma mill-fond sovrastanti l-fond ta' l-**

**atturi 23, Mirage, Triq Indri Callejja, Birkirkara, u dana f'Dicembru 2003.**

**2. Giet eccepita l-inkompetenza tat-Tribunal peress li skond il-konvenuti din ma hix semplici "money claim", izda trid tigi stabbilita ir-responsabilita' o meno tal-konvenuti. B'sentenza preliminari datata 9 ta' Gunju 2004 it-Tribunal cahad din l-eccezzjoni.**

**3. Skond Certifikat mahrug mill-Perit Carmel Ellul, Dok. A, gie nnutat li kien hemm "hsarat fis-saqaf tal-kamra tal-banju u tal-kamra tas-sodda hdejha" fil-fond ta' l-atturi. Dawn il-hsarat graw minhabba penetrazzjoni ta' ilma fis-soqfa msemmijja. Ir-ritratti DOK. D1 u D2 jevidenzjaw dawn il-hsarat.**

**4. Jirrizulta li meta graw il-hsarat l-atturi kienu ikkuntattjaw il-konvenuta. Fil-fatt, il-konvenut qabbad lil Perit Valerio Schembri biex jaghmel il-verifiki. Jirrizulta li dan mar fil-fond tal-konvenuti, pero' ma kellux access ghal fond ta' l-atturi. Irrizulta mill-korrispondenza, DOK. ISB1, u ISB2, li l-atturi kienu disposti li jilqghu lil perit biex jispezjona il-fond.**

**5. Jirrizulta li l-attrici kienet ikkuntattjat il-konvenut dwar ilma li kien qed jipperkola mis-saqaf. Skond il-konvenut, ivverifika dak in-nhar stess u ma sab xejn hazin.**

**6. Jirrizulta li il-fond sovrastanti ghandu kamra tal-banju fuq il-parti tas-soqfa fejn grat il-hsara. Jirrizulta li l-konvenuti ghamlu riparazzjonijiet fil-kamra tal-banju f'April 2004. Jirrizulta li precedentement kien hemm ilmenti dwar perkolazzjoni ta' ilma fil-bitha, pero' ma kienx hemm izjed lmenti minn meta saru ix-xoghlijiet rimedjarji.**

**7. Jirrizulta li meta sar ix-xoghol rimedjali fil-kamra tal-banju, il-perit Schembri ma kienx issorvelja ix-xoghol, u ghalhekk il-Perit ma kienx f'pozizzjoni jghid x'kien hemm ezattament.**

**8. It-Tribunal hu soddisfatt illi l-ilma gie mill-fond sovrastanti ta' l-atturi, cioe', mill-fond tal-konvenuti, u kien dan li kkawza d-danni fis-soqfa msemmija ta' l-istess atturi. Il-fatt illi kienet saret stedina lil perit tal-konvenuti biex imur jara il-fond ta' l-atturi, u il-fatt li tali stedina ma gietx milqugha, kif ukoll il-fatt li il-perit tal-konvenuti ma kienx hemm meta saru x-xoghlijiet**

**rimedjali kollha jimmilitaw kontra dak li qed jsostnu l-konvenuti.**

**9. Bhala danni it-Tribunal innota l-istima tal-perit Ellul, DOK.A, kif ukoll id-DOK.B u DOK.C li huma kontijiet dwar il-wallpaper. It-Tribunal hu tal-fehma li dawn l-ammonti mhumiex ezagerati u l-ammont mitlub ghandu jigi milqugh.**

**Ghaldaqstant, peress illi il-hsarat msemmijja gew kagunati minhabba penetrazzjoni ta’ ilma mill-fond tal-konvenuti, it-Tribunal qed jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lil konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ mija u hamsin lira Maltija (LM150), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mil-llum.**

**L-ispejjes ta’ dina l-istanza, kif ukoll dawk tad-decizjoni preliminari tad-9 ta’ Gunju 2004, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------